# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

# MAĠISTRAT DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Rikors Nru: 438/2023**

**Angolina *sive* Julie Cachia (K.I. 810553(M))**

**vs**

**Mark Tanti (K.I. 0397193(M))**

**Illum, l-Erbgħa, 28 t'Awwissu 2024;**

**Il-Bord;**

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2024[1] fejn wara li dawn il-proċeduri ġew mgħajjta tlett darbiet baqa' ma deher ħadt. Wara li l-kawża ġiet posposta u reġgħet ġiet imsejjħa aktar tard (għal darbtejn oħra), baqa' ma deher ħadt u għalhekk il-Bord (wara li għamel referenza għall-verbali tal-20 ta' Novembru 2023, tal-14 ta' Frar 2024 u tal-5 t'April 2024), bit-tħaddim ta' dak li jrid l-artikolu 199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2], ordna li l-kawża titħassar minn fuq il-lista, bi spejjeż għar-rikorrenti.

[1] A fol 58 tal-proċess.
[2] Reż applikabbli hawnhekk bis-saħħa ta' dak li jrid l-artikolu 20(1) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra li minn dakinhar sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u ma ġie mħejji l-ebda att ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-partijiet, sabiex jintalab li dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi. Iż-żmien imsemmi fl-istess artikolu huwa wieħed perentorju.

Għaldaqstant, wara li ra li għaddew it-tliet xhur inutilment, il-Bord qiegħed jerġa jtenni d-digriet tiegħu tat-13 ta' Mejju 2024 dwar it-tħassir ta' din il-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti u filwaqt li jieqaf milli jqis aktar dawn il-proċeduri, jordna lir-Reġistratur sabiex ineħħihom minn fuq il-lista tal-proċeduri attivi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur